MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 56/2005

**Vestru u Maria konjugi Farrugia**

**vs**

**Loreto Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-atturi ghad baqalhom jiehdu bilanc ta’ tlett mitt lira (Lm300) dovuti lilhom ta’ bejgh u konsenja tal-laham taz-ziemel bejn Mejju 2004 sa Frar 2005

Peress illi l-konvenut naqas li jhallas dan l-ammont bilancjali, ghalkemm gie debitament notifikat

Jghid il-konvenut ghaliex:

1. M’ghandux jigi ikkundannat ihallas lill-attur il-bilanc ta’ tlett mitt lira (Lm300).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra tat-12 ta’ Mejju 2005 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ 1. Illi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lil attur u kull meta xtara laham minn ghandu dan dejjem hallsu fil-pront.

2. Illi domanda attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt.
Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra responsiva tas-16 ta’ Mejju 2005.”

Sema’ l-provi

Ikkunsidra

Illi l-kwistjoni tirrigwarda bilanc prezz ta’ bejgh ta’ laham taz-ziemel maghmul f’diversi okkazjonijiet mill-attur lill-konvenut. Il-partijiet jaqblu li l-attur qatt ma kien jirrilaxxja ricevuta meta jithallas minghand il-konvenut.

L-attur ipprezenta Dok LB-1 li fih hemm id-dati tal-konsenja u l-piz ta’ laham ikkonsenjat lill-konvenut, kif ukoll ghadd ta’ pagamenti lkoll bla data hlief ghall-ahhar wahda li hdejha, b’biro differenti tnizzlet id-data tal-15 ta’ Frar 2005.

Skond il-verzjoni tal-attur, il-konvenut kien jixtri minghandu l-laham li gieli kien jikkonsenja direttament lill-konvenut u gieli kien ihallihulu ghand ommu imbaghad il-konvenut kien ihallsu akkont. Il-konvenut irrifjuta li jhallas l-ahhar tlett mitt lira dovuti fuq dan il-kont ghax skond l-attur il-konvenut wahhal fih li kien introduca lil terza persuna biex tissuplixxi l-laham fl-istess restaurant li kien jissuplixxi l-konvenut f’Malta (ara fol 16). L-attur ipproduca bhala xhud lil certu Mattew Camilleri, habib tieghu, li xehed li kien prezenti f’okkazjoni meta l-konvenut hallas xi flus (ammont ma jafx kemm) fi Frar 2005. Xehed li f’din l-

okkazjoni, il-konvenut kien ammetta li kien ghad fadallu jaghti lill-attur LM300.

Ikkontro-ezaminat (fol 47) l-attur cahad li l-laham kien jikkonsehhulu l-biccerija biss, u cahad ukoll li kien biss f'zewg okkazjonijiet li kien ikkonsenja l-laham ghand omm il-konvenut. Qal li ta' dak li kien jikkonsenja fil-biccerija (idahhal ziemel shih) il-konvenut kien ihallsu dritt, filwaqt li ta' dak li kien jikkonsenjalu ghand ommu kien ihallsu wara. Qal ukoll li meta nqala' n-nuqqas ta' qbil dwar il-bilanc dovut, il-konvenut mar gieb notamenti tieghu u l-partijiet qablu ezatt (fol 48). L-attur xehed li l-laham li kien jikkonsenja ghand omm il-konvenut ma kienx ikun laham frisk – bhalma kien ikun il-laham tal-biccerija - imma ffrizat (fol 49).

Fir-risposta tieghu, il-konvenut wiegeb li dejjem kien ihallas lill-attur fil-pront mal-konsenja u li ghalhekk m'ghandu jaghtih xejn. Il-konvenut ikkonferma din il-verzjoni fl-avvidavit tieghu (fol 59). Jghid li l-laham dejjem xtrah frisk, normalment mill-biccerija fejn kien ihallsu dak il-hin stess. Mar jixtri mid-dar tal-attur, u l-attur halla l-laham ghand omm il-konvenut, okkazjonalment biss. Meta kien ihalli l-laham ghand ommu kien ihallsu mal-ewwel darba li jarah jew inkella meta jiltaqa' mieghu il-biccerija. Qal ukoll li *l-ahhar darba li xtrajt mid-dar tieghu ilu ftit mhux hazin u fil-perjodu imsemmi fil-kawza qatt ma mort id-dar tieghu ghal-laham (fol 59).* Fl-ahharnett jghid li ftit xhur qabel il-kawza kienu kien tlewwem mal-attur ghax beda jissupplixxi hu direttament lill-hwienet u ghalhekk il-konvenut ma baqax jixtri minghandu. Jghid ukoll li l-attur qieghed jitlob it-LM300 biex jivvendika ruhu. Fl-ahharnett jghid li l-ahhar li xtara minghand l-attur kien fis-sajf tat-2005.

Huwa pproduca bhala xhud lill-pizatur Emanuel Mizzi li produca lista tad-dati li fihom inqatlu zwiemel li sidhom kien Vestru Farrugia (fol 40). Dawn id-dati fil-maggor parti taghhom ma jaqblux mad-dati ta' konsenja fin-notamenti tal-attur – Dok LB-1. Il-pizatur isemmi zewg okkazjonijiet fit-2004 fejn iz-ziemel iddahhal ghall-qatla fuq isem l-attur

u nhareg imqatta fuq isem il-konvenut(fol 44). L-anqas dawn iz-zewg dati ma jaqblu man-notamenti f'dok LB-1.

L-attur heles mill-obbligu ewlieni tieghu li jipprova l-esigibilita' tad-debitu. Dan ghamlu billi pproduca n-notamenti minnu maghmula *a tempo vergine* kemm kull meta ghamel il-konsenji kif ukoll kull meta thallas akkont (dok LB-1). Din il-prova ma gietx skussata b'mod konvincenti mill-konvenut, li allega li tul il-perjodu msemmi fl-avviz tat-talba, u cjoe' bejn Mejju 2004 u Frar 2005, l-attur qatt ma kkonsenjalu laham ghand ommu. Apparti l-principju li *contra scriptum non est argumentum*, il-konvenut ma huwa xejn ta' min joqghod fuqu ghal dawk li huma dati, tant li afferma li l-konsenji tal-laham u konsegwenti hlasijiet baqghu sejrin sas-sajf tat-2005 minkejja li l-kawza nbdiet fis-6 ta' Gunju 2005 u kienet diga ntbatitlu ittra ghall-hlas fit-12 ta' Mejju 2005. Il-piz tal-prova ghalhekk dar fuq il-konvenut li kellu jipprova l-pagament ossia s-soluzzjoni tad-debitu, ghax min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (XLIX.ii.776) anke jekk il-prova permezz tar-ricevuta mhix indispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti – **John Buttigieg noe vs Joseph Portelli** – appell kummercjali 26.01.1976 – specjalment fil-kaz prezenti fejn *ex admissis* meta kien ikun hemm hlas ma kinitx tinghata ricevuta. Il-konvenut pero' ma gieb l-ebda prova ta' pagament, ghax id-difiza tieghu kienet ristretta biss ghall-attakk fuq l-esigibilita' tal-kreditu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM300 bilanc ta' prezz ta' laham taz-ziemel lilu mibjugh u kkunsinnat bejn Mejju 2004 u Frar 2005, bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Mejju 2005 a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------